MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2014

Numru. 1185/2014

**SPETTUR CAROL FABRI**

**VS**

**MUFTA WALID BIN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mufta Walid Bin ta’ 23 sena, bin Fara u Fatima, mwieled Tripoli nhar id- 19 ta’ Awwissu 1991, residenti f’ indirizz mhux maghruf izda jindika Birzebbugia u detentur tal- Laissez Passer numru 991/2014 mahrug mill- Pulizija tad-Danimarka ;

> Talli fit- 28 ta’ Novembru 2014 ghal habta tal- 21.45hrs minn Triq San Gorg, Paceville, ikkommetta serq ta’ handbag, liema ammont jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2,329.37 ghad- detriment ta’ Christine Calleja, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur u bil-hin;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 267, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------